# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

**Appell Nru: 49/2015**

**Il-Pulizija**

**Spettur Maria Stella Attard**

**Vs**

**Dustin Bugeja**

**Illum 6 ta' Mejju, 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Dustin Bugeja, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 143392M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Settembru, 2011 ghall-habta tal-11.30 p.m. fil-Gzira, Ta' Xbiex, Msida, Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer, waqt li kien qieghed isuq vettura tal- marka 'BMW' bil-pjanca bin-numri tar-registrazzjoni VN51YKT:

(1) Saq l-imsemmija vettura (a) b'manjiera perikoluza (b) b'manjiera traskurata, (c) b'majiera bla kont.

(2) Saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

(3) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura qasam il-linji bojod kontinwi.

(4) Saq l-imsemmija vettura kontra il- 'one way traffic'.

(5) Saq l-imsemmija vettura kontra diversi sinjali tat-traffiku indikati fl-imsemmija lokalitajiet.

(6) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura fi triq li hija regolata b'sinjal ta' dawl tat-traffiku, naqas li jieqaf meta d-dawl kien jixghel kulur ahmar.

(7) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jezercita l-kura u attenzjoni xierqa u juri l-intenzjoni tieghu u jaghmel sinjal jew juza l-indikatur tat-traffiku meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vetturi ohra.

(8) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

(9) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jzomm fuq il-moghdija ta' gewwa meta xjentement jew bi traskuragni, zamm fixkel jew qala il-moghdija ghall-vetturi ohra.

(10) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura li jieqaf f'post fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika 'STOP'.

(11) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jghati d-dritta lil vetturi ohra li kienu qed jaghmlu uzu mir-roundabout.

(12) Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura.

(13) Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq.

(14) Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

(15) Kellu fil-pussess tieghu jew taht ir-responsabilita' tieghu l-imsemmija vettura li ma kienitx giet registrata mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

(16) Saq l-imsemmija vettura minghajr pjanci tan-numri tar-registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-trasport f'Malta.

(17) Saq l-ismsemmija vettura minghajr ma kien qed jghamel uzu mis-'Seat Belt'.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jkun skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Frar, 2015, li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu disa' (9) [sic];

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dustin Bugeja, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tannulla** s-sentenza appellata, jew fin-nuqqas tirrevoka l-istess sentenza in kwantu din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi [recte: imputazzjonijiet] kollha migjuba kontrih u kkundannatu ghal terminu mhux car ta' prigunerija, u konsegwentement tghaddi biex tillibera lill-appellant mill-akkuzi [imputazzjonijiet] kollha migjuba kontrih, kif ukoll minn kull piena u htija skond il-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg aggravji, wiehed dwar in-nullita' taghha u l-iehor dwar l-apprezzament zbaljat tal-provi. Fl-ewwel gravam, l-appellant iressaq l-argument illi s-sentenza hija nieqsa minn formalita' essenzjali kif jitlob l-artikolu 382

tal-Kodici Kriminali fuq piena ta' nullita'. Il-kopja tas-sentenza ffirmata mill-Magistrat decident u mid-Deputat Registratur a fol 53 tal-atti processwali f'dik il-parti wara li sabet htija fl-imputat tghid hekk: *"Tikkundannah sentenza ta' prigunerija ta' disa (9)";*

2. Kif korrettament osserva l-appellant, fejn tinsab htija il-Qorti ghandha teroga dik il-piena skond il-ligi. Dan jemergi mill-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk:

> **Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**

3. Il-kliem u numru "prigunerija ta' disa (9)" jirravizaw ammont ta' zmien incert la darba dan jista' jfisser disat ijiem jew disa' xhur dejjem skond il-piena erogabbli fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Il-konsegwenza ta' nuqqas ta' indikazzjoni jekk dan iz-zmien ta' prigunerija kienx ta' jiem jew xhur hija certament nuqqas ta' formalita' essenzjali li tirrendi is-sentenza in dizamina nulla u ghalhekk qed tiddikjara l-istess nulla u bla effett;

4. Issa, dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard** App Kri 28.4.1995). F'dan il-kaz, izda ma kienx hemm liberatorja minn ebda wahda mill-imputazzjonijiet. Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija**

**vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, jigifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]) anke jekk fil-kaz odjern il-piena setghet tiftiehem sia li kienet ta' disa xhur kif ukoll ta' disat ijiem prigunerija;

5. Illi mill-provi mismugha minn din il-Qorti jemergi illi l-imputat qatt ma kellu licenzja tas-sewqan almenu sad-data li fiha xehed ir-rapprezentant ta' Trasport Malta. Fil-21 ta' Settembru, 2011, waqt li Pulizija mit-taqsima tar-Rapid Intervention Unit kienu ghaddejjin minn Triq Testaferrata, l-Msida, harget vettura minn Triq Hugo Mifsud b'mod perikoluz, liema vettura kellha pjanci ta' registrazzjoni barranin u ghalhekk pprocedew ghal wara din il-vettura bil-*beacon lights* mixghula. Gara izda li minflok ma waqaf, is-sewwieq baqa' ghaddej b'velocita' akbar u ghalhekk beda insegwiment fejn meta l-Pulizija gew magenbu PC 899 seta' jaghraf lill-Dustin Bugeja ghaliex gia kellu kaziijiet mieghu u dak il-hin kien ukoll minghajr *seat belt*. Waqt l-insegwiment, is-sewwieq ghadda minn toroq mmarkati *One Way*, minn fuq it-*traffic lights* meta kienu fuq l-ahmar u ghadda minn fuq linji kontinwi ukoll. Dan l-insegwiment ghadda ukoll minn Santa Venera u Birkirkara li skont id-deposizzjoni tal-ufficcjali tal-Pulizija kien ta' perikolu ghan-nies ghaliex is-sewwieq tant ghadda b'velocita' li ma setghux ilahhqu mieghu u spiccaw tilfuh fl-inhawi ta' Birkirkara.

6. Ftit minuti wara, vettura ohra tal-pulizija llokalizzat il-vettura in kwistjoni fl-inhawi tal-pont ta' bejn Hal Qormi u l-Marsa. Din kienet wieqfa u minghajr xufier u f'dak il-hin kienet dahlet informazzjoni ghand il-pulizija li raw persuna hierga minn vettura BMW u tirkeb f'vettura tal-ghamla Mercedes ta' lewn vjola. Din il-vettura intlemhet mill-istess ufficcjal tal-pulizija u ghalhekk twaqqfet u fiha kien hemm

hu l-imputat u Kurt Buttigieg. Hu l-appellant informa lill-Pulizija li kien l-imputat li kien qed isuq il-vettura involuta fl-insegwiment;

7. L-imputat xehed illi l-vettura kienet ta' Kurt Buttigieg u kien involut dwarha ghall-bejgh taghha bhala sensar tant li kien bieghha jumejn qabel lil certu Reno Azzopardi u li fid-data in kwistjoni ma kienx qed isuqha hu tant li dak il-hin kien qieghed id-dar mat-tfal tieghu;

8. Minn dan il-kwadru temergi sitwazzjoni fejn il-kwistjoni kollha tippernja fuq l-identifikazzjoni tal-imputat bhala dik il-persuna li kienet qed issuq vettura waqt insegwiment mill-pulizija b'velocita' qawwija tant li l-istess pulizija ma setghux ilahhqu maghha. L-imputat ingharaf mill-pulizija li kien riekeb fuq in-naha tal-passiggier fuq quddiem. Huwa rah f'dak il-mument illi z-zewg vetturi gew magenb xulxin u gharfu sew minn wiccu ghaliex kellu inkontri mieghu qabel u jaf ukoll lill-huh u jaghmel distinzzjoni bejniethom ghaliex jgharafhom it-tnejn anke jekk jixtiebhu. Id-difiza enfasizzat illi dan kollu sehh fil-11.30pm meta allura jkun id-dlam u kien hemm fattur ta' velocita' aggravat bl-ghama tal-beacon light li allura taghmilha difficli li taghraf lil sewwieq f'dawk ic-cirkostanzi anke jekk l-ufficcjal tal-pulizija jghid li gharfu ukoll mit-tpingijiet li kellu fuq idu u fuq ghonqu. Minkejja dan, ix-xhud baqa' kategoriku fl-identifikazzjoni tal-imputat;

9. Din il-Qorti, semghet ix-xhieda *viva voce* u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u hija libera li tghazel verzjoni ta' xhud minn iehor skond ir-regola tal-buon sens gwidata maggorment fuq il-komportament tax-xhieda u l-konsistenza taghhom. Il-verzjoni tal-ufficcjal tal-pulizija, jehtieg li tkun konsidrata f'cirkostanzi fejn anke meta hu l-imputat kien intercettat fil-vettura Mercedes vjola flimkien ma' Kurt Buttigieg, li rrizulta li kien sid il-vettura insegwita, ftit minuti wara li l-pulizija kienet infurmata illi persuna intlemhet hierga minn vettura BMW u tirkeb f'Mercedes vjola, ix-xhud baqa' kategoriku li s-sewwieq kien l-imputat u mhux huh;

10. Konsiderat l-assjem tal-provi, din il-Qorti ghandha *a lurking doubt* dwar kemm verament kien l-imputat li kien qed isuq din il-vettura ghaliex l-identifikazzjoni tal-imputat tippernja fuq dak il-mument qasir hafna li z-zewg vetturi gew magenb xulxin b'velocita, fid-dlam u bil-beacon light ghaddejja. Din il-Qorti ma trid b'ebda mod tiskredita lill-ufficcjal tal-Pulizija li qeda dmiru flimkien mal-kollega tieghu b'risku ghall-hajjithom f'dawk ic-cirkostanzi izda meta tqis li hu l-imputat kien intercettat f'Mercedes vjola flimkien ma' sid il-vettura ftit minuti wara li xi hadd informa lill-Pulizija li persuna intlemhet tabbanduna l-BMW u tirkeb fil-Mercedes intercettata, tigbed konsegwenzi dubjuzi ferm dwar kemm kien l-imputat qed isuq u mhux persuna ohra;

11. Tqis ghalhekk illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ma jirrizultawx pruvati fil-grad rikjest mil-ligi u konsegwentement ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.